MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-2 ta' Novembru, 2006

Numru 606/2006

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR ALEXANDER MIRUZZI**

**VS**

**ALAN SPITERI**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Alan Spiteri, ta' 34 sena, bin Joseph u Doris nee' Spiteri, imwieled Hal-Tarxien nhar il-15 ta' Mejju, 1971, residenti fil-fond imsejjah Horal, 33, Triq il-Liedna, Fgura u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 235871 (M);

1. Akkuzat talli nhar it-28 ta' Jannar, 2005 f'dawn il-Gzejjer, bhala l-persuna li zamm jew qabel li jzomm xi annimal, gieghel lill-istess isofri ugiegh, tbatija, jew

dwejjaq minghajr bzonn, u dan bi ksur tal-Artikoli 8 (2) u 8 (3) tal-Att 25 tal-2001 dwar il-Harsien tal-Annimali;

2. U aktar talli fl-istess perjodu, lok, u cirkostanzi, bhala l-persuna li mporta, esporta, jew esporta mill-gdid xi ezemplari, ukoll jekk dawn mhux imsemmija fl-Anness mar-Regolament Principali, jigifieri l-Avviz Legali 236/2004, naqas li japplika lill-Awtorita' Amministrattiva bil-miktub fuq formoli disponsibbli, ghaldaqstant minn din l-Awtorita';

3. U aktar talli fl-istess perjodu, lok, u cirkonstanzi, bhala l-persuna li mporta xi speci li kienet imharsa fil-pajjiz minn fejn torigina, ukoll jekk ma kinitx inkluza fl-Annessi mar-Regolamenti Principali, u wkoll jekk dak il-pajjiz mnejn torigina ma jkunx parti mil-Konvenzjoni, naqas li jkollu l-awtorizzazzjoni ta' esportazzjoni minn dak il-pajjiz;

4. U aktar talli fl-istess perjodu, lok, u cirkonstanzi bhala l-persuna li kellu fil-pussess tieghu xi ezemplari li l-importazzjoni tieghu taqa' taht dawn ir-regolamenti, naqas li jzomm fil-pussess tieghu, u ghaz-zmien kollu li dawk l-ezemplari kienu fil-kustodja tieghu, kull permess, certifikat u licenzja li kellhom x'jaqsmu ma' dik l-importazzjoni ta' dawk l-ezemplari;

5. U aktar talli fl-istess perjodu, lok, u cirkonstanzi dahhal fil-komunita' ezemplari minghajr permess u certifikati, kif ukoll naqas li jistiva ezemplari hajjin li ma kinux imhejjija sew biex bhala l-persuna li kellu fil-pussess tieghu ezemplari;

6. U aktar talli fl-istess perjodu, lok, u cirkonstanzi kellu fil-pussess tieghu ghasafar hajjin jew mejtin, jew parti minn xi ghasfur, jekk ma hux inkluz fl-Iskeda I, Ii jew III li jinsabu mar-Regolamenti ta' Avviz Legali 146/1993 kif sussegwentement emendat, kemm-il darba ma ppruvax li dawk l-ghasafar, jew partijiet minnhom kienu mportati b'mod legittimu jew kienu mrobbija fil-maqful, jew li kienu registrati mad-Direttur skond il-paragrafu (6) tar-Regolamenti 17 tal-istess Avviz Legali 146/1993, kif sussegwentement emendat, u dan bi ksur tar-Regolament

12(1)(2)(3) tal-Avviz Legali 146/1993 kif sussegwentement emendat;

7. U aktar talli fl-istess perjodu, lok, u cirkonstanzi zamm jew qafel xi ghasfur jew ghasafar li kienu f'gagga jew recipjent iehor ta' qies inqas minn 250mm gholi, 250mm tul, u 150mm wiesgha, u li meta jitqies id-daqs tal-ghasfur ma jkunx kbir bizzejjed biex l-ghasfur jew ghasafar jifthu gwenhajh/om b'mod hieles;

8. U aktar talli fl-istess data fil-Fgura zamm xi mezz li l-uzu tieghu huwa pprojbit mill-paragrafu (1) tar-regolament 13(1) tal-Avviz Legali 146/1993 kif sussegwentement emendat (pre-recorded bird caller);

9. U aktar talli fl-istess data fil-Fgura bahla pussessur taht l-Artikolu 3 tal-Kapitolu 66 naqas li jhares il-kundizzjonijiet imsemmija f'dik il-licenzja, jew li jkollu ghandu jew ikollu f'idejh jew fuqu arma tan-nar jew munizzjon li ma jkunux imsemmija f'dik il-licenzja, inkella b'licenzja taht l-Artikolu 13, ikollu jew kellu f'idejh jew fuqu sikkina jew strument ta' xorta li ma titqiesx dik imsemmija fil-licenzja;

10. U kif ukoll talli fuq talba tal-Kontrollur tad-Dwana u tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, talli fit-28 ta' Jannar 2005 mal-wasla tieghu fil-Mitjar Internazzjonali ta' Malta mit-titjira UG 1300 xjentement naqas li jiddikkjara lill-Ufficjali tad-Dwana kwantita' ta' glud tal-ghasafar u ghasafar hajjin, liema importazzjoni taghhom hija projbita u/jew ristretta.

Wara li rat id-dokumenti esebiti;

Wara li rat l-ammissjoni tal-imputat fil-verbal tal-lum, wara li nghata zmien xieraq skond il-Ligi biex jikkunsidra din l-ammissjoni tieghu.

Ikkundisrat:

Wara li rat l-Artikoli 8 (2) u 8 (3) tal-Att 25 tal-2001 dwar il-Harsien tal-Annimali;

L-Avviz Legali 236/2004, u kif ukoll in-nuqqas ta' applikazzjoni lill-Awtorita' Amministrattiva bil-miktub fuq formoli disponibbli ghaldaqstant minn dik l-Awtorita';
Ir- Regolament 12(1)(2)(3) tal-Avviz Legali 146/1993 kif sussegwentement emendat;
Ir- Regolament 13(1) tal-Avviz Legali 146/1993 kif sussegwentement emendat;
L-Artikolu 60(b)(k), u l-Artikolu 62 (a)(g)(h)(i)(k) tal-Ordinanza tad-Dwana Kapitolu 37 tal-Ligijiet ta' Malta;
U kif ukoll l-Avviz Legali 44/1982;
U kif ukoll l-Artikolu 80 tal-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att numru XXIII/1998)

Ikkundsidrat:

Ghal dawn il-motivi, fuq ammissjoni ssib lill-imputat Alan Spiteri hati tal-akkuzi kif dedotti, u tikundannah ghal hlas ta' multa ta' elf lira maltin (Lm1,000.00), li minnhom ghandhom jithallsu s-somma mija u tmenin lira maltin u disghin centezmu (Lm180.90) lill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, u s-somma ta' tlieta u tmenin lira maltin (Lm83.00) lill-Kontrolllur tad-Dwana;
Inoltre tordna l-konfiska tal-oggetti esebiti ai termini tal-Artikolu 30 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------